MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Numru 464/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**MATTHEW PORTELLI**
**ETIENNE BORG**
**- OMISSIS -**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Matthew Portelli ta' 18 il-sena mwieled Pieta nhar it-3 ta' Settembru 1986 bin Mose u Miriam nee' Attard residenti Binja tal-Mensija Entratura B Flat 10 Taz-Zwejt San Gwann detentur ta' Karta tal-identita Nru 398186M

U

Etienne Borg ta’ 26 sena mwieled Pieta nhar il-21 ta’ Ottubru 1978 bin Maurice u Marthese nee’ Debono residenti Blokk 4 Door C Flat 19 Vjal in-Naspli San Gwann detentur ta’ Karta tal-identita Nru 520178M

U

- OMISSIS –

gew akkuzati:

Talli matul ix-xahar ta’ Marzu 2005 u fix-xhur ta’ qabel geww San Gwann u f’diversi bnadi fil-gzejjer Maltin xjentement laqghu ghandhom, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew indahlu sabiex ibieghu jew imexxu diversi oggetti u cioe’, apparat ta’ hi-fi u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

- omissis -

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MT7 u li jinsab a fol. 28 tal-Process.

Innutat li l-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg iddikjaraw li m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja. Ghal kull buon fini innutat ukoll li anke il-ko-imputat XX iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat it-talba tal-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum fejn talab li l-Qorti tordna is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati Matthew Portelli u Etienne

Borg, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti fl-istess Seduta.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg iddikjaraw li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat Matthew Portelli u l-fedina penali kwazi netta tal-imputat Etienne Borg, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg ghall-piena ta' sena (1) prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Matthew Portelli u Etienne Borg l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------